KLR 37/VII/2015

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2015 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**1.** Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

*Mill-minuti KLR 36*

1.1 Rigward it-talba ta' Frans Azzopardi għall-*un/loading bay* fi Triq il-Kastell, għat-*train* li tagħti servizz lit-turisti għandu jintalab il-parir ta' Transport Malta (TM) pero' TM tiġi nfurmata wkoll li l-Kunsill ma jaqbilx u hu mpossibli li jittieħdu l-parkeġġi eżistenti fi Triq il-Kastell.

1.2 Ma l-applikazzjoni lill-MEPA sabiex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex għandu jintalab ukoll sabiex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza Indipendenza u tal-parkeġġ il-kibr ta' wara l-*Bus Terminus*.

**2.** ***ERDF 249 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo***

Dan il-porġett u l-pavimentar ta' Pjazza San Ġorġ li hu parti mill-proġett - *Extension of the Heritage Trial to Pjazza San Ġorġ Project* ġew inawgurati mill-E.T. l-Onor. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta nhar il-Ħadd 20 ta' Diċembru 2015 fis-18.00.

Tressqet din il-korrispondenza:-

2.1 mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fejn intbagħat rapport bil-miktub rigward id-deċiżjoni tal-MEPA fejn irrifjutat li jinqalgħu is-siġar ta' Pjazza Indiepndenza;

2.2 mingħand Dr Joseph Xuereb rigward arblu tad-dawl fi Pjazza Savina li hu perikoluż. Dan għandu jitneħħa minn naħħa tal-Enemalta;

2.3 mingħand Fr Effie Masini fejn ilmenta li fi Pjazza Indipendenza qed ikun hemm vetturi pparkjati llegalment u bosta draba anke' bil-lejl ma jkunx jista' jidħol fir-residnza tiegħu peress li jkun hemm karozzi pparkjati eżatt mal-bieb. Il-membri ġew mgħarrfa li fil-ġranet li ġejjin ser isiru l-marki għall-parkeġġi u qablu wkoll li l-Kunsill għandu jitlob għall-aktar sorveljanza fl-inħawi kemm mill-Pulizija u kemm mill-Gwardjani Lokali.

Il-membri qablu li:-

2.4 titranġa l-bankina ta' quddiem 25 Pjazza Savina peress li qed iżżomm l-ilma;

2.5 titranġa parti żgħira mill-bankina ta' quddiem 'It-Tokk- Gozo Traditional Food', fi Pjazza Indipendenza peress li x-*shutter* tal-ħanut mhux qed jingħalaq kif suppost;

2.6 jitranġaw l-postijiet fejn jinżamm l-ilma;

2.7 tinħareġ offerta sabiex Pjazza Indipendenza tiġi mdawra b'*bollards* adekwati u li tkun itnkludi t-tibdil tal-ħadid ta' madwar it-taraġ tal-latrina tal-irġiel u l-ħadid ta' mar-rampa tal-uffiċċju tal-*customer care* tal-Kunsill;

2.8 ssir tabella mill-art li tindika l-post tal-uffiċċju tal-*customer care*;

2.9 is-sidien tal-ħwienet tax-xorb li jarmaw l-imwejjed fi Pjazza Indipendenza jiġu avżati sabiex bħal ma kien isir snin ilu, taħt l-umbrellel issir protezzjoni tal-lastiku sabiex jiġi evitat li joħroġ is-sadid mill-umbrellel fuq il-madum tal-pjazza u

2.10 ma jitħallewx vetturi kbar jidħlu fi Pjazza Indipendenza meta jkun qed jintrama xi armar għal xi attivita'.

### *3 Update – Playing Field*

Il-membri qablu li tinħarġ offerta sabiex isir ir-*railing* ta' barra tal-*playing field* u sabiex jinbena l-kiosk.

Tressqet emejl mingħand il-prokuratur legali tad-Dipartiment tal-Artijiet fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-preżent it-tibdil u t-tiġdid fuq il-kuntratt tad-devoluzzjoni tal-*playing field* huwa miżmum.

Id-Direttur eco-gozo qed jitlob li tiġi rifonduta s-somma li għaddiet lill-Kunsill Lokali tar-Rabat sabiex tkopri parti mix-xogħolijiet ta' din il-*playing field*. Il-membri unanimament qablu li dan mhux possibbli peress li x-xoghol fil-*playing field* sar u l-istess fondi ġew utiliżżati. Jekk kien hemm xi dewmien dan mhux tort tal-Kunsill minħabba l-fatt li kien hemm proċedura ta' apelli kemm fil-PCRB u kemm fil-Qorti ta' Malta.

Tressq rapport tal-Perit (DTR) li ħa ħsieb it-tmexxija tal-porġett. Dan ir-rapport juri xogħol li ma kienx inkluż fl-offerta li sar minn Patrick u Demenic Refalo li jkopri tneħħija u rimi ta' materjal ta' siġar (€3,050 VAT eskluża) u qlugħ u taħwil tal-istess siġar fl-istess *playing field* (€1,070 VAT eskluża). Dan ix-xogħol ried bilfors isir minħabba l-ħitan li riedu jinbnew. Il-membri apporvaw dawn il-kontjiet.

### *4. Extension of the Heritage Trial to Pjazza San Ġorġ Project*

Il-pavimentar ta' Pjazza San Ġorġ ġie nawgurat il-Ħadd 20 ta' Diċembru 2016 mal-proġett tal-ERDF kif imsemmi fuq. Il-membri qablu li jitranġaw l-partijiet żgħar fejn jinżamm l-ilma, t-toqob tal-antarjoli jsiru mill-kuntrattur kif stipulat fl-offerta u titranġa l-komunikazzjoni tad-dranaġġ ta' 'St. Georges' Flats'.

Il-Kunsill irċieva korrispondneza mingħand Dr Nadia Vella li kitebet għan-nom ta' Carmel Żammit u Anna Maria Meilak li huma t-tnejn sidien ta' ħwienet ta' taħt il-loġġoġ ta' Pjazza

San Ġorġ. It-tnejn huma kontra li jitkisser il-parapett u jitbaxxa l-livell tal-art u jiġi livell ma l-art tal-pjazza. Il-Kunsill ma jistax jagħmel dan ix-xogħol peress li din hi propjeta' tad-Dipartiment tal-Artijiet.

**5. Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2016 fis-18.00.

**6. Jum il-Belt Victoria**

Il-membri qablu li l-kunċert bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta jsir l-aħħar darba f'Ġunju li ġej. L-orkestra tkun immexxija minn Mro Josef Debrincat. Il-Banda Ċittadina Leone, li jmiss li tgħażel id-data ta' meta ser isir Leone Goes Pop iddeċidiet fuq il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju 2016. Il-Banda Ċiuttadin La Stella għandha tgħarraf lill-Kunsill meta ser isir RockAstra. Il-membri qablu li dawn it-tlett kunċerti għandhom isiru possibilment fl-istess ġimgħa u l-Kunsill ser joffri palk wieħed fi Pjazza Indiependnza.

**7. Uffiċini tal-Kunsill**

Is-Sindku suġġerixxa li jinbarxu u jerġgħu jinżebgħu l-ħitan tat-taraġ u s-sala tiġi konvertita f'uffiċċju għall-amministrazzjoni kif kien ġie suġġerit fil-Kunsill preċedenti bi spazju adekwat għall-*filing*. Il-membri qablu.

**8. Approvazzjoni tal-kontijiet**

Ġew approvati l-kontjiet għax-xahar ta' Jannar 2016 k if anness f'dokumnet A.

**9. Immanigjar tat-traffiku – Korrispondenza**

*Transport Malta* (TM) ħarġet il-permess għall:-

9.1 *no entry* għall-vetturi tqal fit-triq ta' maġenb il-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Din it-triq tagħti għall-Triq iċ-Ċangar;

9.2 *1.5mtr keep clear* quddiem 83, Triq it-Tabib Anton Tabone;

9.3 rilokazzjoni tal-pakeġġ riservat għall-Maltapost fi Triq Repubblika;

9.4 parkeġġ riservat temporanjament għall-sitt xhur għall-persuni b'diżabilita' fi Triq Karlu Galea.

TM bagħtet korrispondenza lill-Kunsill rigward:-

9.5 talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' Audrey Pace ta' 17, Pjazza San Franġisk. Għandha timtela l-formola annessa ma' l-applikazzjoni;

9.6 talba li saret mill-iskola Sir M.A. Refalo *Sixth Form* sabiex issir *zebra crossing* biswit din l-iskola;

9.7 l-irtirar tal-perems tan-*no entry* fil-passaġġ ta' bejn Triq Wied il-Lunzjata u Triq Kerċem peress li dan kien inħareġ għall-prova ta' xahar. TM ħarġet il-permess sabiex minn

dan il-passaġġ ma jgħaddux vetturi tqal ħlief biex jgaħtu servizz u sabiex jitpoġġew *speed limit signs* ta' 30 *km/h.*

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM għall-:-

9.7 *double yellow line* quddiem il-bieb ta' 'Morphew' fi Triq San Ġwann Bosco;

9.8 sinjali sofor biswit il-garaxx ta' 26, Triq Għajn Qatet;

9.10 *un/loading* quddiem *showroom* fil-kantuniera ta' Triq Ġużè' Cremona ma Triq it-Tabib Anton Tabone;

9.11 *un/loading* quddiem 'Moods' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;

9.12 *un/laoding* quddiem 'Fabrix' fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace;

9.13 sinjali sofor biswit il-garaxx ta' 'Antest Maison', Triq Borġ Geritu;

9.14 sinjali bojod fil-*junctions* ta' (i) Triq Sir Luigi Camilleri kantuniera ma' Trejqet l-Exchange, (ii) Triq l-Ewropa kantuniera ma Triq Mro Dirjano Lanzon u (iii) Triq Mro Dirjano Lanzon kantuniera ma Triq Patri Manuel Magri;

9.15 Tressqu r-risposti tar-residenti ta' Triq ta' Wara s-Sur. Il-Kunsill kien talab il-veduti tagħhom rigward il-qlib tal-parkeġġ tal-vettui fuq in-naħħa l-oħra tat-triq. Il-maġġoranza ta' dawk li rrispondew ma jaqblux ma dan is-suġġeriment. Il-membri qablu li l-parkeġġ jibqa' kif inhu.

**10. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

10.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn:-
10.1.1 il-Kunsill ġie mgħarraf li l-allokazzjoni finanzjaraj għas-sena 2016 ser tkun €518,614.00. L-estmi finanzjarji jiġu diskussi wara l-laqgħa tal-lokalita';

10.1.2 intalab is-suġġeriment tal-Kunsill għal żewġ siti li fihom ser jingħata aċċess għall-wifi mid-Dipartiment flimkien mal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Il-membri qablu li dawn is-siti jkunu fi Triq Palma peress li fiha bosta ħwienet u fil- *palying field* ta' Triq taħt Putirjal;

10.2 ir-Reġjun Għawdex fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-materja tas-*CCTV* fi Triq Ġorġ Borġ Olivier ma setgħetx tiġi diskussa peress li x'ħin is-Sindku/Presidnet tar-Reġjun iddikjara kunflitt ta' nteress u ħareġ mill-kamra ma kienx hemm *quorum* fil-laqgħa ta' dan il-kumitat. Din il-materja ġiet psoposta għall-laqgħa oħra tar-Reġjun;

10.3 il-Perit Mariella Xuereb li hi responsabbli mir-restawr tal-Banca Giuratale fejn talbet sabiex jerġa' jingħata l-elettriku lill-latrina tal-irġiel mill-*metre* tad-dawl li hemm fil-latrina stess. Billi s-sid tal-latrini hu l-Gvern Ċentrali u dawn m'humiex devoluti lill-Kunsill dan ma jistax isir minn naħa tal-Kunsill;

10.4 l-assikurazzjoni tat-Tiġrija Palazz fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-ilma li kien ħiereġ fil-kantina minħabba ħsara fil-latrina ta' Triq taħt Putrijal naqas ħafna. Sakemm il-ħajt jinxef

minn naħħa tat-Tiġrija Palazz ser jintalbu stejjem għax-xogħol li jrid isir biex tissewwa l-ħsara li ġiet ikkawżata fil-kantina. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk huwiex ser ikopri dawn l-ispejjes. Din l-assikurazzjni għandha tiġi nfurmata li l-korrispondenza nqarat waqt din il-laqgħa;

10.5 Dr Chris Said li bħala *Shadow Minsiter* għal Għawdex qed jitlob li ssir laqgħa mas-Sindku u l-membri tal-Kunsill. Il-membri qablu ma dan u għandha tinstab data li hi konvenjen ti għal kulħadd;

10.6 Michelle Vella li talbet li torgnaizza *Keep Fit Classes* bil-kolaborazzjoni tal-Kunsill. Il- membri qablu;

10.7 Xavier Tabone rigward ħmieġ li hemm fi Triq Kalru Galea. Il-Kunsill ħa jieħu l-passi neċessarji sabiex dan l-inkonvenjent jispiċċa';

10.8 Jean Paul Portelli li għal darb'oħra talab sabiex jarma bit-trukk tat-*take away* fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Din hi l-aħħar darba li l-Kunsill ser jagħarraf lill-Portelli li l-pemess li jista' jinħareġ hu fil-parkeġġ il-kbir;

10.9 Ted M. Mizzi li talab il-Kunsill sabiex jixtri kopji ta' ktieb li kiteb hu. Il-*policy* tal-Kunsill hi li jinxtraw kotba ta' awturi Rabtin;

10.10 Alternative Technology Ltd dwar proposta ta' *potable soalr charging station for E-bikes*. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li din issir fil-*bus terminus*.

**Korrispondenza u talbiet ralatati mad-dawl tat-toroq**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand:-

10.11 l-Enġiniera GaleaCurmi fejn ġew spjegati l-proċeduri l-ġodda ralatati mat-twaħħil ta' bozzoz. Dan wara li l-Enemalta ser tibda proċedura ġdida sabiex jitjieb is-servizz. Il-Kunsilli ser jiksbu awtonimija sħiħa dwar fejn għandhom jitwaħħlu bozzoz ġodda;

10.12 l-OASI fejn talbu aktar dawl minħabba siġurta' fejn il-bini tagħhom fi Triq Wied Sara. Il-membri qablu;

10.13 Michael Said rigward bozza li nqalet fuq talba tiegħu, minn mad-dar tiegħu fi Triq Karolina Cauchi. Is-Sur Said kiteb li ma jaqbilx li teħel bozza fuq arblu fuq il-bankina ta' quddiem id-dar tiegħu. Qal ukoll li qabel inbnew blokk ta' appartament faċċata tad-dar tiegħu kien hemm arblu b'bozza u għalhekk hu faċli li dan l-arblu jerġa jsir hemm. Il-membri qablu li għandu jsir arblu bil-bozza bejn l-appoġġ tad-dar ta' Said – 'Maria Bambina' u d-dar ta' Spiteri Raymond – 'Angielel'.

10.14 Il-membri qablu li jsriu dawn il-bozzoz ġodda fi:-
(i) Triq it-Tabib Anton Tabone biswit il-piċċ tal-boċċi,
(ii) ma 43, Triq il-Kapuċċini,
(iii) ma 'Dunes' Triq il-Kapuċċini u
(iv) tnejn fi Triq Sant'Ursola.

**11. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

11.1 tisewwa bil-*patching* Triq ta' Wara s-Sur fil-parti tal-Kunsill, speċjalment l-ewwel parti li timiss ma Triq Mro Ġużeppe Giardini Vella;

11.2 jintalbu stejjem sabiex jinħaslu Pjazza Indipendenza, Pjazza San Ġorġ u Pjazza Savina;

11.3 tinbidel il-kurduna tal-bankina ta' quddiem id-dar 'Villa Victoria' fi Triq San Ġużepp Labre';

11.4 jintalab aktar sorveljanza kemm mill-Pulizija u kemm mill-Gwardjani Lokali fl-*area* ta' Pjazzetta Patri Akkursju Xerri u t-toroq Alfons Maria Ħili, l-iskola u Karita';

11.5 li titranġa l-bankina ta' quddiem 'O'Hair' fi Triq Karolina Cauchi;

11.6 terġa tinħareġ l-offerta:- *Call for NGOs interested in constructing an NGO building and upgrading of surrounding area at Dr Anton Tabone Street.* Din ser terġa toħroġ peress li l-unika NGO li tefgħet l-ewwel offerta ma mlietx id-dettalji kif jitlobu r-regolamenti u għalhekk l-offerta tagħhom ma kinietx valida;

11.7 l-istima tax-xogħol għall-*online streaming* tingħata lill-AID Ltd li hi l-unika kumpamija li tefgħet il-prezz tagħha ta' €3,345.00;

11.8 l-Kunsill jibqa' ma jħallasx il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma tal-latrini pubbiċi. Dan peress li l-latrini mhumiex devoluti lill-Kunsill u l-istess kontijiet ma jgħajtux lil Kunsill iżda lill-*Environment Dept. Gozo*;

11.9 il-kont tad-dawl li l-Kunsill qed jirċievi fuq il-*Fairy Lights* li snin ilu kien hemm fi Pjazza Indipendenza jibqa' ma jitħallasx. Il-Kunsill għadu qed jirċievi dan il-kont anke' wara li fl-2011 l-Kunsill kien irċieva notifika mill-ARMS li jekk ma jitħallas is-servizz jinqata. Dakinhar il-membri qablu li ma jitħallasx peress li l-*fairy lights* fl-2011 kienu ilhom mitfija u ma kienx qed ikun hemm konsum. Dan hu rifless fil-laqgħa KLR 29/VI/2011 li saret fil-25 ta' Ottubru tal-2011.

11.10 Tressqet il-parti li tikkonċerna l-Kunsill tar-Rabat fir-rapport tal-Awditur Ġenerali għas-sena finanzjarja 2014. Dan ġie evalwat mill-Kunsill u ser jittieħdu l-passi neċessarji sabiex jiġu evitati n-nuqqasijiet.

11.11 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq il-mistoqsija parlamentari nurmu 20659 fuq id-dejn akkumulat. L-ammont ta' dejn kien sostanzjali peress li l-mistoqsija parlamentari saret fi żmien meta l-fondi tal-Unjoni Ewropea fuq il-proġetti li kien qed iwettaq il-Kunsill, kienu għadhom ma daħlux kollha u għalhekk jidhru li l-Kunsill għandu joħroġ dawn l-ammonti mill-finanzi tiegħu.

11.12 Dwar l-attivitajiet ta' lejliet l-ewwel tas-sena s-Segretarju Eżekuttiv resqet il-prezzijiet li ġew offruti fuq il-kiri ta' dawl, *sound* u tined. Dawn kif annessi f'dokument B. Is-servizz ġie offrut minn min tefa' l-orħos prezzijiet. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-Kunsill reġa' benefika €10,000 mill-iskema tal-attivitajiet kulturali. Sadanittant ġiet sottomessa applikazzjoni fuq skema tal-attivitjiet kulturali għall-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena tal-

2016. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet ukoll lill-membri li id-Dipartiment għal Gvern lokali talab spjegazzjoni ta' kif inħarġu l-istejjem għall-provediment tas-*sound*. Wara li ntbagħtu d-dettalji kollha, l-parir tad-Dipartiment kien li meta jitniżżlu ditti speċifiċi għandu wkoll ikun hemm imniżżel - 'jew simili ta' dawn id-ditti'.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2016 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |